MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-23 ta' April, 2003

Numru 610/1999

PULIZIJA
SPETTUR STEPHEN J GATT
VS
JOSEPH FALZON

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Joseph Falzon ta’ 43 sena iben Joseph u Salvina Grech, imwieled Zejtun u joqghod Blossom House, N/S in Swatar Road, l/o Msida ID687355M talli fil-granet bejn is-19 ta’ Dicembru 1997 u 25 ta’ Dicembru 1997 gewwa Swatar limit tal-Msida, b’diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li jkunu gew maghmula b’risoluzzjoni wahda, bla ordni skond il-ligi ta’ awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, arresta, zamm jew issekwestra lil Rita Falzon kontra l-volonta taghha jew ta’ post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda tal-ufficjal prosekutur (ara fol 12-16) jirrizulta illi l-pulizija rceviet kwerela illi l-imputat kien zamm lil martu kontra r-rieda taghha bejn id-9 u l-25 ta’ Dicembru 1997 imsakkra fid-dar matrimonjali.

Illi ghaldaqstant l-Ispettur Gatt  kien investiga lill-imputat, hadlu stqarrija (Dok SG) u f’liema stqarrija l-imputat innega kollox.

Spettur Gatt xhed illi il-koppja Falzon kienu ghaddejjin proceduri ta’ separazzjoni u kien hemm diversi rapporti ta’ swat u theddid maghmula minn martu kontra l-imputat. Il-kwerela relevanti kienet tikkomprendi allegat swat u griehi fuq il-persuna tal-mara tal-imputat – Rita Falzon.

Spettur Gatt xehed illi ma giex mghoddi certifikat mediku u l-anqas ma ra xi griehi fuq il-persuna ta’ Rita Falzon

Illi mix-xhieda ta’ Rita Falzon (ara fol 18 et seq) jirrizulta illi il-koppja Falzon kienu fi proceduri ta’ separazzjoni personali, li Rita Falzon kienet telqet min darha u marret f’Dar Merhba Bik fl-10 ta’ Settembru 1997 in segwitu ta’ swat da parti tal-imputat.

Illi l-imputat kien baqa jzur it-tifla minuri tal-partijiet li kien ghad ghandha sentejn biss u f’Dicembru tal-istess sena il-partijiet ddecidew li jipprovaw rikonciljazzjoni.

Illi meta rritornat fid-dar martrimonjali, Rita Falzon qabdet tnaddaf id-dar u bdiet mill-kamra ta’ zewgha. Hemmhekk sabet xi numri tat-telefons ta’ nisa barranin u gieha

suspett li zewgha kien qieghed jiffrekwenta xi nisa. Cemplet numru ta’ mara jisimha Heidi li rrispondietha u qaltilha li hija kienet qed tohrog ma’ certu David (habib ta’ zewgha). Fil-pront dahal l-imputat li beda jakkuzaha li qed ccempel lil xi ragel. Rita Falzon nnegat. L-imputat ccekkja mal-ID Caller u induna x’ghamlet martu u fi kliem Falzon “qabad itini mal-ewwel” (fol 21); beda jaghti bil-ponn , qabadha minn xaghrha, laqatha taht ghajnejha u lewilha subghajha ta’ idha l-leminija.

Illi minhabba li l-marki tax-xebgha li qalghet Rita Falzon minghand zewgha kienu evidenti, l-imputat beda jibza li martu ser tmur l-ghassa taghmel rapport iehor. Ghalhekk ma marx xoghol, sakkar il-bieb u ma halliex lil martu tohrog barra min darha.

Ili darba minnhom Rita Falzon pprovat taqbew mit-tieqa ghal barra u l-imputat qabadha minn xaghrha u qalilha “tohrog  meta nghidlek jiena”.

Rita Falzon ghamlet ghaxart ijiem detenuta f’darha kontra r-rieda taghha. Hi tghid li l-imputat l-anqas xoghol ma mar.

Fil-gurnata tal-Milied l-imputat kien sajjar u martu rrifjutat li tiekol. Hemmhekk l-imputat kien induna li dak li kien qed jaghmel kien inutili u qalilha “dan inutili jiena imsakkar hawn minhabba fik. Inti, kif nitlaq jiena, naf li ser tahrab.” Ghalhekk ddecieda li jwassal lil martu fil-flat taghha.

Illi in segwitu Rita Falzon kienet marret taghmel rapport l-ghassa tal-pulizija li qalulha li kellha ggib certifikat mediku. Sikkome il-griehi kienu fiequ wara ghaxart tijiem, hija ma setghetx taghmel dan. Ghalhek marret ghand l-avukat taghha li hejja kwerela.

In kontro ezami Rita Falzon xhedet illi hija kienet marret ghand l-avukat ftit wara l-incident, u li l-kwerela kienet saret xi ftit gimghat wara l-incident.

Rita Falzon innegat dak suggeriet lilha li hija kienet ghamlet diversi tentattivi ghal rikonciljazzjoni ma zewgha u kienet dahlet u harget mid-dar konjugali diversi drabi.

Anzi xehdet illi d-dar matrimonjali kienet f'San Giljan. Minn hemm marret Merhba Bik u wara sabet flat ghal rasha. Nel frattemp zewgha kien biegh d-dar, zamm il-flus u li d-dar ta' Swatar qeghda fuq isem ohtu. Kien f'dan l-attentat ta' rikonciljazzjoni li sehh l-incident. Illi wara l-incident, zewgha kien ghamel xi zmien rikoverat l-isptar u ghalhekk hija marret id-dar biex tiehu hsieb uliedha.

Mistoqsija ghaliex ma harbitx mid-dar matul il-lejl meta zewgha kien rieqed, Rita Falzon xhedet illi ma abbuzatx taghmel dan, ghaliex bezghet mill-konsegwenzi fizici jekk terga tinqabad minn zewgha.

Mistoqsija kif ssostni illi zewgha ghamel tmint ijiem id-dar meta hemm prova li kien ix-xoghol, Rita Falzon xehdet illi zewgha kien rranga biex biegh flat tal-Gvern – u ghalhekk ma kienx ser jsib diffikolta jirranga dati ghax "dak kollox jirranga".

Rita Falzon sostniet illi hija kienet giet imsakkra go darha ghal ghaxart ijiem, - mitluba kif tispjega dan meta l-lock ma tissakkarx minn gewwa, Rita Falzon sostniet li s-serratura tal-bieb ta' barra kienet tissakkar minn gewwa u jekk prezentament dan ma kienx aktar possibbili  allura kienet  inbidlet is-serratura.

In kontro ezami Rita Falzon xhedet illi hija marret taghmel rapport fil-gurnata li giet rilaxxata minn zewgha cioe fil-gurnata tal-Milied, pero mill-Ghassa tal-Pulizija inghatat informazzjoni li kellha bzonn certifikat mediku biex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat.

L-imputat fix-xhieda tieghu, stqarr illi martu kienet ghamlet karriera hierga u diehla mid-dar konjugali. L-imputat jinnega l-incident kollu u stqarr illi  martu ghamlet gurnata wahda biss fid-dar  matrimonjali u imbaghad qabdet tidghi quddiem it-tfal u l-imputat qalilha "imxi ha inwasslek ghax ma nifilfekx aktar."

Sostna li la qabad sikkina, la sakkar il-bieb jew it-tieqa anzi qal li l-bieb ta' barra ma jissakkarx minn gewwa u kif del resto l-anqas tissakkar  it-tieqa.

Mistoqsi mill-Qorti jekk fil-fatt kienx possibbli li sakkar bic-cavetta l-bieb principali minn gewwa l-imputat xhed “ma nafx qatt ma ccekjajtha…” (fol 81).

A fol 86 xehdet Miss Mifsud, li esebit l-“attendance sheet” tal-imputat u qalet illi l-imputat jahdem bhala driver. Xehdet illi fl-20 u 21 ta’ Dicembru ma kellux trips u ghal rigward d-dati tat-22 sal-25 ta’ Dicembru, ma setghetx tghid xi trips ghamel, pero ma kellux complaints.

L-imputat a fol 92 xehed illi fl-indirizz ta’ Swatar kien hemm servizz tat-telephone.

Ikkunsidrat:-

Illi a tenur ta’ Art 637 tal-kap 9, din il-Qorti fliet bir-reqqa l-komportament tax-xhieda, u ma ghandhiex dubbju li Rita Falzon qalet il-verita meta kienet qed taghti t-testimonjanza taghha. Din ix-xhud setghet facilment kkorroborat ix-xhieda taghha billi ressqet it-tfal taghha biex jixdhu. M’ghamlitx dan konxenzjozament sabiex ma tikkompromettiex l-lealta taghhom lejn il-genituri taghhom.

Din il-Qorti rat u semghet il-grajjiet ta’ Rita Falzon, l-ossessjoni ta’ zewgha fuqha, kif ma kienx jhalliha tohrog minn darha l-anqas sal-“grocer”, il-kontroll assolut li kien jzomm fuqha, il-biza tremenda tat-tfal li l-anqas waslu biex jaghmlu telefonata biex jghinu lil ommhom, l-iswat li wassal biex hija tirrikorri Merhba Bik, li kif wara li accettat li tirritorna kid-dar konjugali, zewgha rega laghbilha xebgha, hebb ghaliha b’sikkina, sakkarha f’darha sakemm gheb kull evidenza tal-griehi li ghamlilha.

Illi din il-Qorti ma tantx hija impressjonata b’”attendance sheet” tal-imputat u jidher illid –Dipartiment tal-Gvern koncernat ma kellux il-kontroll adegwat fuq tali “attendance sheet” – hlief li jekk ma jkunx hemm attendenza jkun hemm complaints. Con tutto rispetto mid-19 ta’ Dicembru sal-25 ta’ Dicembru ma jistghux jidhlu

complaints fi zmien meta l-iskola tkun maghluqa ghal Christmas Holidays!

Din il-Qorti semghet lil Rita Falzon tixhed fuq kif l-imputat “rranga” d-dar matrimonjali f’San Giljan ghaliex kien flat tal-Gvern u ma tarahx impossibbli illi “attendance sheet” mal-Gvern ma tirriflettiex ir-realta.

Ghal rigward tas-sistema telefonika, l-imputat qal biss li kien hemm servizz u din il-Qorti ma ghandha ebda dettal ta’ kif u meta dan is-servizz nbeda.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 86, 221 u 28A tal-kap 9, tikkundanna lill-imputat ghal disgha xhur prigunerija sospizi ghal sentejn u dan in vista tal-fatt illi l-imputat jiehu hsieb t-tlett itfal tieghu.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------